**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 27 ta' Novembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Stacey Spiteri**
**ID: 354991(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Stacey Spiteri ta' 30 sena, bint Vincent u Giovanna nee' Attard, imwielda l-Pieta' nhar il-15 ta' Lulju 1991, residenti 63, Centan, Triq San Bartolomew, Qormi, u detentrici tal-karta tal-identita` numru 354991(M);

Akkuzata talli flimkien ma persuni ohra, nhar is-26 ta' Novembru 2021 ghall-habta tas-1:30hrs minn gewwa The Convenience Shop, fi Triq it-Tin, Qormi u f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro), izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-mezz ghad-detriment ta' The Convenience Store u/ jew persuni/ entitajiet ohra.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin, u cirkostanzi hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara volontarja fuq bieb tal-hanut msemmi, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500), izda jiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' The Convenience Store u/jew entitajiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-ezami taghha skont il-ligi, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Ghall-fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u li l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti fuq piena karcerarja effettiva. Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, ic-cirkostanzi tal-kaz u illi l-imputata ghandha problema ta' droga u li jkun ghaqli ghalhekk li tinghata l-ghajnuna u li tigi segwita minn Ufficjal tal-Probation.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), u 261(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) u 17(h) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, qed ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghdha taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjoniet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu tal-Ordni ta' *Probation* jew jekk ma ssegwix il-kundizzjonijiet tal-Ordni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, tordna li l-atti tal-kawza flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skont il-ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

Oriana Deguara
Deputat Registratur